Minuti tal-Laqgħa Nru.25 (Ħamsa u Għoxrin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 19ta' Mejju, 2015 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 MOU rigward il-Finanzjament tal-Proġetti Kapitali hemm dewmien biex nibdew minħabba li kien hemm investigazzjoni li issa tidher li waslet fil-konkluzjoni tagħha u appena jkollna xi tip ta' konferma nkunu nistgħu nipproċedu bix-xogħol tal-finishings tal-Multipurpose Hall.

3.2 Restawr – Is-Sindku qal li bħalissa ġiet imnedija skema fuq restawr ta' siti storiċi għal Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li japplika f'din l-iskema billi jinkludi ir-restawr tal-Batterija Delle Grazie biex nirranġaw id-dawra kollha fejn hemm id-ditch għaliex jinsab fi stat degradanti u qiegħed jaqa' biċċiet.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

Is-Sindku kompla u qal li apparti din l-applikazzjoni nistgħu wkoll napplikaw għal restawr tal-Knisja ta' San Gakbu minħabba li qiegħda fi stat ħażin ukoll u hija ta' periklu.

Is-Sur Valvo qal li reġa tkellem mal-Onor. Ian Borg rigward il-fondi mitluba fuq il-proġett tal-Sports complex , u dan tal-aħħar qallu li ser joħorġu programm għal proġetti ġodda u b'hekk inkunu nistgħu napplikaw.

3.3 Applikazzjoni sħubija fil-Gal Xlokk – Wara l-mozzjoni li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti li l-Kunsill jissieħeb fil-Gal Xlokk, is-Segretarju ltaqa' mal-President tal-Gal Xlokk, is-Sur Joe Attard u dan jidher li ser jikkopera magħna biex nissieħbu b'xi kundizzjonijiet differenti. Għalhekk is-Sur Attard qallu pero' biex inħallu ftit zmien ieħor jgħaddi minħabba li għandhom xi proġetti li għad iridu jingħalqu.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Il-Kunsill ra li fuq il-pagna ta' Facebook f'isem il-Kunsill qiegħed isir dirkors partiġġjan u mhux f'loku, għalhekk kulħadd qabel li jinbidel l-isem ta' din il-pagna billi jsir Xgħajra Community Page u l-kummenti jridu jiġu monitorjati qabel jiġu ppublikati fuq Facebook.

4.2 Kif imsemmi aktar il-fuq il-Kunsill qed jippjana laqgħa mal-Onor. Chris Agius sabiex naraw il-possibilta' li jsir proġett fuq tema sportiva, permezz ta' outdoor gym fil-Fort Park. Is-Segretarju Parlamentari ser jilqana fl-uffiċċju tiegħu nhar l-10 ta' Lulju fid-9.30am.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara madum u airconditioner sabiex jitlesta x-xogħol fuq ir-ristruttur ar tal-uffiċini amministrattivi.

6.2 Is-Sindku qal li ser norganizzaw laqgħa ma' Jeffrey u David Zerafa tar-restaurant El Catalan sabiex naraw kif nistgħu nagħmlu ftehim biex tiġi ristrutturata l-area ta' Ġnien ix-Xatt.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.3 Is-Sindku tkellem fuq l-Impjant ta' Barkat u fuq il-Landscaping tiegħu li ilu mwiegħed għal aktar minn 5 snin. L-aħħar progress fuq dan il-landscaping huwa li l-WSC daħħlu l-aħħar verżjoni tal-pjanti għand il-MEPA u issa jidher li huma skond kif talbu l-MEPA. Skond il-pjanti jidher li l-landscaping ser ikun mifrux fuq inqas art pero' ir-rampa ser tkun aktar wieqfa.

Is-Sur Attard talab li ssir laqgħa mal-Ministru sabiex ma nkomplux intawwlu iż-żmien fuq dan ix-xogħol. Is-Sindku qallu li ma hemmx għalfejn għax bħalissa anke l-Prim Ministru daħal fiha.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jorganizza ħarga kulturali f'Ghawdex fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju.

7.2 Jum ix-XgĦajra – Is-Sindku qal li f'Jum ix-Xgħajra, nhar il-31 ta' Mejju, il-Kunsill ser jerġa' jorganizza l-maratona filgħodu tal-5k u 2k kif ukoll il-quddies ta' ringrazzjament filgħaxija u riċeviment ta' ringrazzjament lir-residenti u helpers.
Għal dan ir-riċeviment ta' ringrazzjament il-Kunsill qabel li jiġu mistiedna s-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali kif ukoll ix-Shadow Minister.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Accounts Finali 2014 għall-Approvazzjoni

8.1 Financial Statements – Is-Segretarju ppreżenta l-Financial Statements awditjati fuq il-mejda tal-laqgħa u s-Sindku spjegaħl-qaghda tal-Kunsill u qal li għas-sena 2014 il-Kunsill ħareġ b'defiċit ta' €27,000 li jinkludu fihom €16,600 bħala diprezzament. Il-Kunsill jidher fiċ-ċar li jinsab b'nuqqas kbir ta' fondi fl-amministrazzjoni fl-ispejjeż ta' kirjiet, pagi u fl-ispiżi tad-dawl. Il-Formula tal-allokazzjoni tal-Kunsill qatt ma ġiet aġġornata minkejja li tidher ċara li l-Kunsill qed isofru nuqqas. Is-Sindku qal ukoll li hu tkellem mal-Ministru Owen Bonnici sabiex din tiġi riveduta.

Il-Financial Statements ġew approvati b'4 voti favur u astenzjoni mis-Sinjura Borg.

IX-XGHAJRA

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

9.1 L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Nicole Buttigieg ipproponiet li jsir aktar dawl fil-Fort Park minħabba li jkun hemm iż-żgħażagħ li jużaw dan il-post bħala post ta' rikreazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' kien applika biex id-dawl jiżdied f'din iz-zona pero' l-Enemalta ma tatx permess għalhekk għalissa, sakemm ma niżviluppawx il-post bħala outdoor gym kif qed nippruvaw mal-Ministeru tal-Isports, jidher li ħa jkun impossibbli biex ikollu aktar dawl. Hi ppropniet ukoll li jekk mhux possibbli bil-linja tad-Dawl tal-Enemalta isiru b'permezz ta' panelli solari. Fuq din il-proposta rridu naraw kemm tinvolvi l-ispiza.

9.2 Korsijiet tat-tfal tal-Kompjuter – Il-Kunsill qabel li din is-sena nerġgħu norganizzaw dawn il-korsijiet u mportanti li jsiru fix-Xgħajra. Il-Kunsill irid joħroġ l-ammont ta' €200 sabiex ikopri l-ispejjeż tal-leaflets u d-distribuzzjoni tagħhom fix-Xgħajra kollha. Il-Kunsill qabel li jsir dawn il-korsijiet bil-kundizzjonijiet stipulati hawn.

9.3 Nicole Buttigieg ipproponiet li ssir attivita' sportiva fil-football ground bħala żorb football, fejn persuni jilbsu blalen kbar u jilgħabu l-football b'dak il-mod. Il-Kunsill talab għal aktar informazzjoni u x'tista tinvolvi din l-attivita'.

9.4 Librerija – Il-Kunsill qabel li bħal snin oħra nerġgħu napplikaw għal-fondi sabiex jinxtraw kotba għall-librerija tal-Kunsill.

10. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għat-Tlieta,16ta' Ġunju, 2015 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt